

## III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

## ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/29/PESK

tat-22 ta' Diċembru 2008

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Somalia dwar l-istatus tal-forzi  
navali mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Somalia fil-qafas tal-operazzjoni militari tal-UE  
Atalanta

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod  
partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Mejju 2008, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 1814 li titlob lill-Istati u l-organizzazzjonijiet reġionali biex jieħdu azzjoni sabiex jipproteġu l-bastimenti li qed jieħdu sehem fit-trasport u t-twassil ta' għajnuna umanitarja lis-Somalja u f-aktivitajiet awtorizzati min-Nazzjonijiet Uniti.

(2) Fit-2 ta' Ġunju 2008, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 1816 (2008) li tawtorizza, għal perijodu ta' sitt xhur mid-data tar-Riżoluzzjoni, lill-Istati li jikkoperaw mal-Gvern Federali ta' Transizzjoni tas-Somalja, biex jidħlu fl-il-mijiet territorjali tas-Somalja u biex jużaw, b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali rilevanti, il-mezzi kollha meħtieġa biex irażżu l-atti ta' piraterija u ta' serq bl-armi fuq il-baħar. Dawk id-dispożizzjonijet ġew imtawla għal perijodu ieħor ta' 12-il xahar bir-Riżoluzzjoni 1846 (2008) tal-KSNU, adottata fit-2 ta' Diċembru 2008.

(3) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżeen tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xut tas-Somalja (<sup>(1)</sup>) (operazzjoni "Atalanta").

(4) L-Artikolu 11 ta' dik l-Azzjoni Konġunta tipprovd li l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-UE u l-personal tagħhom stazzjonati fuq l-art fit-territorju ta' Stati terzi, jew joperaw fl-il-mijiet territorjali jew interni ta' Stati terzi, għandu jkun maqbul konformement mal-proċedura stabilita fl-Artikolu 24 tat-Trattat.

(5) Wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill fit-18 ta' Settembru 2007, konformement mal-Artikolu 24 tat-Trattat, il-Presidenza, megħjuna mis-SG/RGħ, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Somalia dwar l-istatus tal-forzi navali mmexxijin mill-UE fir-Repubblika Somalia.

(6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

## IDDEĊIEDA KIF ġEJ:

## Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Somalia dwar l-istatus tal-forzi navali mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Somalia huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim li jorbot lill-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmulu fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. KOUCHNER

---